**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 599/2024**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Paul Camilleri)**
**(Spettur Ritianne Gauci)**

**Vs**

**Omissis**
**Karl Mallia**

**Illum 20 ta' Awwissu 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' Omissis u ta' **Karl Mallia**, iben Francis u Alexandra neè Ellul, imwieled il-Pietà fil-11 ta' Awwissu 1991 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 390991(M), talli b'diversi atti magħmula minnhom li ġew magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'reżoluzzjoni waħda, ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Nhar l-14 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Carlo Zampa u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

2. Kif ukoll talli nhar l-14 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Carlo Zampa u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

3. Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex

[1] Fol. 23 sa' 29 tal-proċess.

qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

4. Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

5. Kif ukoll talli nhar it-22 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

6. Kif ukoll talli nhar it-22 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

7. Kif ukoll talli nhar il-25 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Joann Poulton u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

8. Kif ukoll talli nhar il-25 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Joann Poulton u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

9. Kif ukoll talli nhar is-27 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

10. Kif ukoll talli nhar is-27 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

11. Kif ukoll talli nhar it-28 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

12. Kif ukoll talli nhar it-28 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

13. Kif ukoll talli nhar id-29 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi

foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

14. Kif ukoll talli nhar id-29 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

15. Kif ukoll talli nhar it-2 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

16. Kif ukoll talli nhar it-2 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

17. Kif ukoll talli nhar l-4 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

18. Kif ukoll talli nhar l-4 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

19. Kif ukoll talli nhar is-7 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

20. Kif ukoll talli nhar is-7 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

21. Kif ukoll talli nhar it-8 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

22. Kif ukoll talli nhar it-8 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

23. Kif ukoll talli nhar id-9 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

24. Kif ukoll talli nhar id-9 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi, tordna lil Omissis u lil Karl Mallia jħallsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat iddikjara li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 3 sa' 8 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Gabriel Micallef mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Mejju 2022[3] u tal-15 ta' Jannar 2024[4] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "GM1" u Dok. "GM2" a fol. 37 sa' 39 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PS507 Rhys Cassar[5], ta' PC2431 Shaun Farrugia[6], ta' PS2342 Rodene Ghirxi[7] u ta' Nigel Azzopardi[8] mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2022 u rat id-dokument esebit minn PS507 Rhys Cassar markat Dok. "RC" a fol. 42 u 43 tal-proċess u d-dokument esebit minn PC2431 Shaun Farrugia markat Dok. "SF" a fol. 48 sa' 50 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Joanna Bartolo, in rappreżentanza tal-Bank of Valletta p.l.c., mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Ġunju 2022[9] u ta' l-1 ta' Novembru 2022[10] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "JB1" u Dok. "JB2" a fol. 44 sa '46 tal-proċess u Dok. "JBX1" u Dok. "JBX2" a fol. 202 sa' 204 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Lisa Pecorella[11], ta' Carlo Zampa[12], ta' Joanna Poulton[13] u ta' PC2412 Mariah Bongailas[14] mogħtija waqt is-seduta tat-18 ta' Lulju 2022 u rat id-dokumenti esebiti minn Lisa Pecorella markati Dok. "LP1" sa' Dok. "LP4" a fol. 60 sa' 65 tal-proċess, id-dokumenti esebiti minn Carlo Zampa markati Dok. "SZ1" sa' Dok. "SZ3" a fol. 69 sa'

[2] Fol. 34 tal-proċess.
[3] Fol. 35 u 36 tal-proċess.
[4] Fol. 254 u 255 tal-proċess.
[5] Fol. 41A u 41B tal-proċess.
[6] Fol. 46A u 46B tal-proċess.
[7] Fol. 46C u 46D tal-proċess.
[8] Fol. 46E u 46F tal-proċess.
[9] Fol. 43A u 43B tal-proċess.
[10] Fol. 199 sa' 201 tal-proċess.
[11] Fol. 55 sa' 59 tal-proċess.
[12] Fol. 66 sa' 68 tal-proċess.
[13] Fol. 72 sa' 74 tal-proċess.
[14] Fol. 77 u 78 tal-proċess.

71 tal-proċess, id-dokumenti esebiti minn Joanna Poulton markati Dok. "JP1" u Dok. "JP2" a fol. 75 sa' 76A tal-proċess u d-dokument esebit minn PC2412 Mariah Bongailas markat Dok. "MB" a fol. 79 sa' 81 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Paul Camilleri mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Lulju 2022[15], ta' l-1 ta' Novembru 2022[16], tat-22 ta' Frar 2024[17] u tat-12 ta' Marzu 2024[18] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "PC1" sa' Dok. "PC15" a fol. 84 sa' 120 tal-proċess u Dok. "PCX1" sa' Dok. "PCX4 a fol. 139 sa' 146 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Ritianne Gauci[19] u ta' Manuel Spiteri[20] mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2022 u rat id-dokumenti esebiti mill-Ispettur Ritianne Gauci markati Dok. "RGX1" sa' Dok. "RGX8 u Dok. "RGX2a" a fol. 149 sa' 157 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Manuel Spiteri markati Dok. "MS1" sa' Dok. "MS20" a fol. 164 sa' 198 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1216 Svetlick Stellini[21] u ta' PC2383 Deborah Mifsud[22] mogħtija waqt is-seduta tas-17 ta' Novembru 2022 u rat id-dokument esebit minn PC2383 Deborah Mifsud markat Dok. "DB" a fol. 211 u 212 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC504 Daniel Farrugia mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Frar 2023[23] u x-xhieda ta' Miriam Mirlenkovic mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Ġunju 2023[24], semgħet ix-xhieda ta' PS256 Dale Calleja mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Ottubru 2023[25] u rat id-dokument a fol. 279 tal-proċess u ċ-ċekk a fol. 280 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju 2024[26], id-Difensur ta' l-imputat Karl Mallia iddikjarat illi *seduta stante* nħarġu s-segwenti ċekkijiet: ċekk f'isem Sergio Zampa għall-ammont ta' €1,540.00, ċekk f'isem Blue Rock Operations Limited għal Diamonds International għall-ammont ta' €1,150.00, ċekk f'isem Victor Azzopardi għall-ammont ta' €1,768.00 u ddikjarat li dawn l-ammonti jirrappreżentaw sehem l-imputat Karl Mallia. Rat illi l-Ispettur Gabriel Micallef iddikjara li rċieva seduta stante l-istess ċekkijiet u obbliga ruħu li jgħaddihom lill-persuni u entità imsemmija.

Rat illi waqt l-istess seduta tat-30 ta' Lulju 2024[27], id-Difensur ta' l-imputat Karl Mallia ddikjarat ulterjorment illi fid-29 ta' Lulju 2024 intbagħat ċekk lil Vascas għall-ammont ta' €1,513.00 u li ngħata ċekk lill-Avukat Dr. Anthony Cutajar għal Intercomp Limited għall-ammont ta' €3,798.00 u ddikjarat li dawn l-ammonti jirrappreżentaw sehem l-imputat Karl Mallia;

Rat illi waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju 2024[28], l-imputat Karl Mallia rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti ai termini ta 'l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali

[15] Fol. 82 u 83 tal-proċess.
[16] Fol. 137 u 138 tal-proċess.
[17] Fol. 259 u 260 tal-proċess.
[18] Fol. 264 u 265 tal-proċess.
[19] Fol. 147 u 148 tal-proċess.
[20] Fol. 158 sa' 163 tal-proċess.
[21] Fol. 204 u 205 tal-proċess.
[22] Fol. 209 u 210 tal-proċess.
[23] Fol. 223 tal-proċess.
[24] Fol. 233 sa' 235 tal-proċess.
[25] Fol. 248 tal-proċess.
[26] Fol. 281 u 281A tal-proċess.
[27] Fol. 281 u 281A tal-proċess.
[28] *Ibid.*

ta 'l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidraha u jerġa 'lura minnha;

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn Omissis u l-imputat Karl Mallia;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena;

Rat illi waqt is-seduta ta' l-20 ta' Awwissu 2024, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ċ-ċekkijiet hawn fuq imsemmija ssarfu kollha;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat Karl Mallia flimkien ma' Omissis ġie mixli talli b'diversi atti magħmula minnhom li ġew magħmula fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b'reżoluzzjoni waħda, ġewwa dawn il-Gżejjer: (1) Nhar l-14 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Carlo Zampa u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (2) Kif ukoll talli nhar l-14 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Carlo Zampa u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (3) Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (4) Kif ukoll talli nhar is-16 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (5) Kif ukoll talli nhar it-22 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (6) Kif ukoll talli nhar it-22 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (7) Kif ukoll talli nhar il-25 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Joann Poulton u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (8) Kif ukoll talli nhar il-25 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Joann Poulton u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (9) Kif ukoll talli nhar is-27 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta'

intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (10) Kif ukoll talli nhar is-27 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Lisa Pecorella u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (11) Kif ukoll talli nhar it-28 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (12) Kif ukoll talli nhar it-28 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (13) Kif ukoll talli nhar id-29 ta' Settembru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (14) Kif ukoll talli nhar id-29 ta' Settembru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Nigel Azzopardi u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (15) Kif ukoll talli nhar it-2 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (16) Kif ukoll talli nhar it-2 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (17) Kif ukoll talli nhar l-4 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (18) Kif ukoll talli nhar l-4 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (19) Kif ukoll talli nhar is-7 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (20) Kif ukoll talli nhar is-7 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (21) Kif ukoll talli nhar it-8 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (22) Kif ukoll talli nhar it-8 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew

John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (23) Kif ukoll talli nhar id-9 ta' Ottubru 2021, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex ġiegħlu titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra; (24) Kif ukoll talli nhar id-9 ta' Ottubru 2021, għamlu xi qligħ ieħor b'qerq bi ħsara ta' Manuel Spiteri u/jew John Paul Casaletto u/jew persuni oħra, u/jew entitajiet oħra.

L-imputat inizjalment wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda imbagħad waqt is-seduta tat-30 ta' Lulju 2024, u wara li ħallas sehemu mill-ammonti dovuti lill-vittmi f'dawn il-proċeduri, huwa reġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-*modus operandi* fil-każ in eżami kien jikkonsisti fil-ħruġ ta' ċekkijiet għall-oġġetti akkwistati mingħand il-vittmi f'dawn il-proċeduri u meta dawn iċ-ċekkijiet kienu jiġu depożitati l-Bank mill-vittmi, l-istess ma ssarrfux peress illi fil-kontijiet bankarji li fuqhom inġibdu ma kienx hemm fondi biżżejjed.

Fir-rigward ta' l-emissjoni ta' ċekkijiet li ma jiġux onorati jinsab osservat mill-Qrati nostrali, ad eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Neville Spiteri**, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-24 ta' April 2024, li *in materja speċifika ta' emissjoni ta' cheques li sussegwentement ma jiġux onorati mill-bank li fuqu jkunu inħarġu, dejjem fil-kwadru ta' indaġini dwar ir-reat ta' frodi, il-Qrati tagħna esprimew ruħhom f'diversi sentenzi. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali addirittura irriteniet li jkun hemm ir-reat ta' truffa meta jiġi emess cheque li ma jiġix onorat mill-bank, anke meta preċedentement il-vittma digà kellu problemi biex isarraf cheques ta' l-akkużat li jikkonsenja merkanzija "on account". Anke fejn imbagħad l-imputat ikun in segwitu ħallas lura l-ammont ipprokurat bil-ħruġ ta' cheques li ma ġewx onorati, dan xorta waħda ma jfissirx li t-truffa ma tkunx saret. Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Franco Farruga" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 1985, ġie ritenut li: "Il-ħruġ ta' cheque fuq kont bla flus, jista' jkun proprju l-mezz ta' l-ingann adoperat biex jinduċi lil dak li jkun sabiex jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li ġġiblu telf partimonjali, bil-konsegwenti gwadann għall-aġent". Imbagħad fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v. Emmanuel Ellul" deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-20 ta' Ġunju 1997, ġie ritenut li: "Il-liġi tagħna ma tirrikjedix li l-messa in xena, cioè li dawn l-artifizji jew raġġiri, ikunu xi ħaġa komplikata jew arkitetta b'ħafna pjanijiet; in fatti l-liġi stess tindika l-forom ta' dawn l-artifizji jew raġġiri jistgħu jieħdu. Fost dawn hemm is-sitwazzjonijiet ta' meta persuna b'kwalsiasi forma ta' qerq, ingann jew simluazzjoni tagħti x'tifhem li għandha flus meta m'għandhiex. Meta wieħed joħroġ ċekk meta jkun jaf, jew messu kien jaf, li ma hemmx fondi fil-kont in kwistjoni sabiex dak iċ-ċekk jista' jiġi onorat, ikun qed jinganna jew jipprova jinganna b'waħda mill-forom ikkontemplati fil-liġi tagħna."* ***Illi minn dan kollu huwa ċar illi huwa rikonoxxut illi l-ħruġ ta' cheque in linea ta' ħlas lill-kreditur, minn kont bankarju li l-pagatur***

***ikun jaf li ma jkunx fih biżżejjed fondi biex ic-cheque jiġi onorat, jissodisfa l-element materjali ta' l-ingann fir-reat ta' frodi***[29].

Minn dawn il-prinċipji ġuridiċi jirriżulta ferm ċar għalhekk illi fid-dawl tal-fattispecie tal-każ in eżami riżultanti mill-provi prodotti u anke fid-dawl ta' l-ammissjoni tiegħu, l-imputat għandu jinstab ħati tar-reat ta' truffa ai termini ta' l-Artikolu 308 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant għandu jinstab ħati ta' l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 17, 19, 21 u 23 dedotti fil-konfront tiegħu. Naturalment minn dan isegwi li l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat relattivament għar-reat ta' frodi innominata ai termini ta' l-Artikolu 309 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, ossia l-imputazzjonijiet numru 2, 4, 6, 8, 10, 12, 14, 16, 18, 20, 22 u 24, ingħataw mill-Prosekuzzjoni b'mod alternattiv għall-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 17, 19, 21 u 23 u għaldaqstant ladarba l-imputat għandu jinstab ħati ta' dawn l-aħħar imputazzjonijiet, il-Qorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet numru 2, 4, 6 ,8, 10, 12, 14, 16, 18, 20, 22 u 24 dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja ta' l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 17, 19, 21 u 23 dedotti fil-konfront ta' l-imputat iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat għandu fedina penali netta u li l-vittmi f'dawn il-proċeduri tħallsu tas-sehem dovut mill-imsemmi imputat. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li għall-finijiet ta' l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 17, 19, 21 u 23 dedotti fil-konfront ta' l-imputat japplika l-Artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldaqstant hawn si tratta ta' reat kontinwat bil-konsegwenza li għal dak li jirrigwarda l-valur involut fil-każ in kwistjoni japplika l-prinċipju li jrid jittieħed biss l-ogħla vlaur tal-ħsara pprokurata b'kull att u mhux il-valur komplessiv ta' l-oġġetti kollha akkwistati b'mod frawdolenti da parte ta' l-imputat[30].

Għaldaqstant, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-imputazzjonijiet numru 2, 4, 6, 8, 10, 12, 14, 16, 18, 20, 22 u 24 dedotti fil-konfront ta 'l-imputat in kwantu huma alternattivi għall-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 17, 19, 21 u 23 dedotti fil-konfront tiegħu, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 308 u 310(1)(b) u l-proviso ta' l-istess tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, kemm in bażi għall-provi prodotti kif ukoll fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet numru 1, 3, 5, 7, 9, 11, 13, 15, 17, 19, 21 u 23 dedotti fil-konfront tiegħu iżda, peress illi l-Qorti hija sodisfatta li fiċ-ċirkostanzi tal-każ, fejn l-imputat ħallas is-sehem tiegħu ta' dak dovut lill-vittmi f'dawn il-proċeduri, kif ukoll fid-dawl tal-karattru ta' l-istess imputat, is-sorveljanza tiegħu minn Uffiċjal tal-Probation hija mixtieqa fl-interess li tiġi assikurata r-rijabilitazzjoni tiegħu u li jiġi protett il-pubbliku minn xi dannu li jista' jagħmel l-imputat u li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra da parte ta 'l-imsemmi imputat, a tenur ta' l-Artikolu 7(1)(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mid-data ta' din is-sentenza, taħt dawk it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet relattiv maħruġ illum, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

---

[29] Enfasi ta' din il-Qorti.

[30] Il-Pulizija v. Peter Borg, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fit-18 ta' Ġunju 2009.

A termini ta 'l-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem li huwa jifhem, x'inhuma l-effetti ta 'l-Ordni ta 'Probation impost fuqu bid-Digriet mogħti llum stess, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruħu ma ' tali Ordni ta 'Probation jew jagħmel xi reat ieħor waqt il-perijodu ta 'tali Ordni, huwa jista' jingħata sentenza għar-reati mertu ta 'dawn il-proċeduri.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja tal-Probation Order tingħata lill-imputat kif ukoll tiġi komunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

Peress illi fil-kors tal-proċeduri ħareġ illi l-imputat għandu l-vizzju ta' abbuż ta' droga, il-Qorti qed tqiegħed lill-istess imputat taħt Ordni ta' Trattament ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-perijodu ta' tlett (3) snin u taħt it-termini u kondizzjonijiet imposti fid-Digriet għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma' xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà tal-vittmi f'dawn il-proċeduri, ossia Carlo Zampa, Nigel Azzopardi, Lisa Pecorella, Joanna Poulton, Manuel Spiteri u John Paul Casaletto. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Probation, tad-Digriet ta' Ordni ta' Trattament u tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**